DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

**Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 17 ta' Ottubru 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 182/2016

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat, George Mifsud u Doreen Coleiro – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Sensiela ta' taħditiet fuq l-eżami tal-Malti taċ-ĊES – Għawdex

---

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jistieden lill-ġenituri tal-istudenti li se jagħmlu l-eżami tal-Malti taċ-ĊES fl-2017 biex jattendu ma' wliedhom sensiela ta' taħditiet fuq l-istess eżami. Dawn it-taħditiet huma maħsuba għal dawk il-ġenituri li jixtiequ jsaħħu l-għarfien tagħhom tal-komponenti differenti tal-karti tal-eżami tal-Malti taċ-ĊES u hekk ikunu jistgħu jgħinu lil uliedhom iħejju ruħhom aħjar għall-istess eżami.

It-taħditiet se jagħtihom is-Sur Salvu Seisun fl-Iskola Sekondarja tas-Subien tar-Rabat, Għawdex, mit-3:00 sal-5:30 ta' filgħaxija fil-jiem li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2/12/2016** | **27/1/2017** | **3/2/2017** | **3/3/2017** |

Waqt it-taħditiet, il-ġenituri u wliedhom ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet fuq l-aspetti differenti tal-karti tal-eżami fosthom l-oral, it-taħdit, it-taħriġ il-fehem, il-grammatika, l-ortografija, it-testi letterarji, ir-referenza għall-kuntest, il-komponimenti, u l-bqija.

Dawk kollha li jixtiequ jattendu għal dawn it-taħditiet għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, isem it-tifel jew it-tifla, u l-indirizz postali u elettroniku tagħhom lis-Sur John Farrugia, fl-indirizze john.b.farrugia@gov.mt jew fl-indirizz postali, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Joe Abela Scolaro, il-Ħamrun **sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2016.**

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin li japplikaw. Min jattendu jingħata ċertifikat ta' attendenza. **Il-Kapijiet tal-iskejjel huma mitluba jgħaddu din iċ-ċirkolari lill-ġenituri kollha.**

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**